MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2012

Numru. 403/2005

**IL-PULIZIJA**
**SUPRITENDENT ALEXANDRA MAMO**

**KONTRA**

**KEITH PACE ta' 31 sena, iben Lawrence u Emmanuela nee' Vella, imwieled Tal-Pieta' nhar l-10 ta' Lulju, 1980, residenti fil-fond numru 49, Zerafa Street, Zejtun, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 327480M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Keith Pace** li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, f'Novembru 2004 u fix-xhur ta' wara, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Ircieva minghand haddiehor jew kiseb minghand haddiehor, xi wieghda li nghatat lilu jew lil ohrajn, b’korrispettiv ghal xi self, imghaxxijiet, jew qliegh iehor, taht liema ghamla jkun b’eccess minn dak li hu permess bil-Ligi, u cioe’ ircieva minghand Gordon Pace u persuni ohra mghaxxijiet eccessivi li kien b’eccess minn dak li hu permess bil-Ligi, u dan bi ksur tal-Artikolu 298C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli f’dawn il-Gzejjer, nhar l-4 ta’ Mejju, 2005, gewwa l-Lock-up tad-Depot tal-Pulizija, ikkommetta hsara volontarja, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe’ perspex tat-tieqa tac-cella li tinsab gewwa l-Lock-up li hu proprjeta’ tal-Gvern, li l-ammont tal-hsara tieghu ma jiskorrix il-hamsin lira Maltin, u dan bi ksur tal-Artikolu 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. U aktar talli safa recidiv b’sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datati 24.07.2000, 28.11.2000, u 07.01.2003, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat li moqrija l-istess akkuzi, l-imputat wiegeb illi ma kienx hati ta’ l-istess. Wiegeb ukoll li ma kelllu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji. Rat ukoll il-kunsens ta’ l-Avukat Generali ghal dan l-iskop.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet ix-xhieda.

Ikkonsidrat:

Illi fl-eweel lok ghandu jinghad illi l-Ufficcjal Prosekutur ezebiet stqarrija rilaxxata mill-imputat, liema stqarrija pero giet mehuda taht dak li din il-Qorti ssejjahlu r-regime l-antik, cioe’ qabel ma gie ben stabbilit li l-investigat kellu dritt ta’ konsulenza legali qabel ir-rilaxx ta’ l-istess. Ghasldaqstant din il-Qorti, ghar-ragunijiet gia stabbiliti

mill-Qorti taghna Kostituzzjonali, kif ukoll mill-Qorti Ewropea, mhux ser taghti valur probatorju lill-istess.

Ix-xhud principali tal-Prosekuzzjoni kien certu Gordon Pace. Dan xehed illi hu kien iltaqa’ ma’ l-imputat gewwa Ghar id-Dud, u hemm minghandu ssellef tliet mitt lira Maltin.  Anzi xehed illi dawn il-flus lanqas biss kienu ghalih, imma kienu ghal terza persuna li riedet tixtri karozza. Qal li minnhom tah Lm20.00. Qal illi l-flus tahomlu Kieth Pace. Imbaghad xehed li apparti  l-ghoxrin lira Maltin imsemmija, Pace talbu b’kollox Lm500.00, allura skond ix-xhud la ssellef Lm300 gie tah zejjed Lm200.00.

Qal li fil-bidu ta’ Mejju, waqt lis-self proprja kien sar fis-sajf, kien talbu Lm160.00 imghaxx, u nsista mieghu li kellu jibda jaghtih ukoll ghaxar liri Maltin kull tlett ijiem. Anzi qallu li gialadarba kien diehel il-Habs kellu jibda jaghti l-flus lill-mara tieghu certu Maria.  Heddu ukoll li jekk ma kienx ser jehodlu l-flus, kien ser jmur fil-ghaxija u jifqaghlu l-bieb kif ukoll jahraqlu s-siggu li hu kien juza stante li kien persuna bi bzonnijiet specjali.

Spjega li bhala flus kien tah hamsin lira Maltin kull hmistax, dawn bhala imghaxx, barra l-hames mitt Maltin li kien gia’ tah.

Ezebixxa karta redatta minnu, Dok GP1, tal-flus li hu allegatament ta lill-imputat.

Xehed ukoll kif l-imputat u din Maria kienu marru jkissrulu l-bieb u ta’ dan ezebixxa set ritratti GP1, 2, u 3.

Minn naha tieghu l-imputat ghazel biex jixhed minn jeddu. Innega li hu qatt ikkommetta uzura jew li hu talab flus lil Pace, anzi allega li kien hu li ta flus lil Pace stante li dan kien wieghdu li kien ser jghinu jottjeni post tal-Gvern. Xehed li bhala ammont kien tah is-somma ta’ circa elf lira Maltin (Lm1000.00). Qal ukoll li anke ltaqghu mieghu, hadu maghhom xi karti u mieghu ddiskutu l-punti li kellhom biex jottjenu l-fond li xtaqu. Il-flus li tah qal li kienu gejjin mill-wirt ta’ Maria.

Xehed ukoll illi ghax kien sejjer il-Habs u ghax il-post qatt ma wasal, iltaqghu mieghu u talbuh il-flus lura. Qal li mar ihabbatlu mal-bieb, minflok dan ccempel id-Depot. Anke hareg bir-revolver ghalih.

In kontro ezami baqa’ jinnega li hu kien ha flus minghand Pace fuq bazi ta’ uzura, anzi nsista li Pace kien jghidlu li kien jahdem ma’ Ninu Zammit u Dolores Cristina.

Ghalhekk Maria Grixti, il-partner ta’ l-imputat, xehdet illi ma’ Pace ltaqghet ghax hadha l-imputat u marret ma’ l-istess Keith Pace biex taghtih il-flus. Kien qallha li kien ser igibilha post - fatt dan li ma garax. Spjegat li ghand Pace marret ma’ Keith id-dar tieghu l-Furjana. Qalet li taghtu Lm900.00.

Ittella’ jixhed ukoll l-Ispettur Joseph Cordina. Qal fil-konfront ta’ Pace li kien involut f’kaz ma’ familja mill-Belt, u dan Pace kien qieghed jigi nvestigat fuq kwistjoni rigward l-allokazzjoni ta’ dar tal-Housing.

Rat ukoll is-Social Inquiry Report redatt mill-Ufficcjal tal-Probation Mariella Camilleri, li jaghti stampa pozittiva ta’ l-andament ta’ Pace u l-kura li kien qieghed isegwi (sa dak iz-zmien).

Carmel Bugeja xehed li hu kellu tifel li ma kellux fejn joqghod u ghalhekk kien izommu ghandu fuq is-sufan. Kien dan Gordan Pace li avvicinah, kien jafu bhala bniedem imdahhal fil-partiti politici. Kien qallu li kien ser jaghtih post tal-Gvern gialadarba kellu lil ibnu jghix mieghu. Talbu ta’ dan Lm500.00 bil-quddiem. Ghaddiet gimgha u rega’ talbu u rega’ tah l-istess ammont. Ghadda z-zmien u rega’ talbu l-istess ammont. Hawn ix-xhud qal illi ma kien tah xejn, pero meta talbu flusu lura baqa’ minghajrhom u baqa’ wkoll bla post. Qal ukoll dan ix-xhud li ta’ dan Pace kien gie kkundannat mill-Qorti li kellu jaghtih lura flusu fi zmien sitt xhur.

Ikkonsidrat

Illi certament id-Difiza bil-provi minha mressqa rnexxiela xxejjen dak li xehed Gordon Pace, u cioe' li l-imputat kien hati ta' uzura. Il-verzjoni moghtija mill-imputat ma ssibx biss il-konfort tal-partner tieghu Maria, pero anke tax-xhud Bugeja u ta' l-Ispettur Joseph Cordina, ghaldaqstant din il-Qori qieghda tilibera lill-imputat mill-akkuzi kif migjuba kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------